# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



L-Alaska fil-periklu!

fenek salvaġġ

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 54

Jannar - Frar 2003




# x'għandna?


editorjal 2
aħbarijiet 3
kompetizzjoni 3
x'għandna mid-dinja? 4
il-gallozz tax-xitwa 5
gallerija 6
spot natura: il-qroll 7
erba' magni 7
FALKO 8
għali ambjentali: ŻEJT 9
ittri 10
sittsaqajn 10
mur aqbad ktieb 11
biex niċċajta 11
daħħal membru 11
rigi ġodda 12


# EDITORJAL



## Ħbieb Ħuttafa

Ftit ilu kont qed nitkellem ma' wieħed tifel fuq il-kaċċa, u qalli li zijuh qatel salt sturnell. "Iss, kemm hu għaref!" għedtlu, "Ħażin għamel!"

"Ħażin għaliex?" staqsieni t-tifel fil-pront "L-isturnell tista' tisparalhom bil-liġi."

Mid-dehra dat-tifel kien jaf x'tgħid il-liġi, u fil-fatt kellu raġun minn daqshekk, għax veru li l-liġi tħallik tispara fuq l-isturnell.

Imma min qal li l-liġijiet kollha jagħmlu sens? Ħeqq, li tpejjep mhux kontra l-liġi, imma kulħadd jaf li t-tipjip ħażin. Bil-liġi ta' Malta kif inhi bħalissa, kaċċatur jista' jispara fuq 32 speċi ta' għasafar (fosthom l-isturnell) u joqtol minnhom kemm irid.

Imma b'daqshekk ma jfissirx li qed jagħmel sew. Wara kollox, u kif jaf kulħadd, il-liġijiet qegħdin l-iktar għall-kumdità tan-nies, u ta' ħadd iktar. U ħafna nies ma jimpurtahomx nitfa mill-bżonnijiet u mid-drittijiet ta' l-annimali. Ħafna nies jidħqu jekk issemmilhom id-drittijiet ta' l-annimali.



Aħna tal-BirdLife mhux hekk nirraġunaw! Aħna jimpurtana ħafna mill-annimali. Anzi l-BirdLife teżisti proprju biex tiddefendi l-bżonnijiet ta' l-għasafar. Għalhekk ma naqblux ma' liġijiet li jħalluk toqtol l-għasafar għall-gost. Fih gost!

Victor

**Victor Falzon**
Editur



Il-**fenek salvaġġ** (wild rabbit *Oryctolagus cuniculus*) huwa l-ikbar mammiferu ta' l-art li jgħix fl-ambjent naturali ta' Malta. Ħafna nies 'qas biss jafu li f'pajjiżna għandna dan l-annimal grazzjuż jiġri fil-beraħ. Per eżempju fuq Kemmuna hemm ħafna.


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Schembri, Mariangela Schembri Meli, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin ilhuttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **fenek salvaġġ** (ritratt ta' Denis Cachia)
Faċċata ta' wara: **rigi ġodda** (disinn ta' Victor Falzon)
Stampat: Poulton's Print Shop, Jannar 2003

EURONATUR
Ħajr lil EURONATUR


Klabb Ħuttaf

**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**

# Il-mostru se joqtluh!




Tal-ġenn, tal-veru ġenn! Smajna li l-lukanda mostru li hemm Għajn Tuffieħa u li ilha s-snin tkerrah dawk l-inħawi fl-AĦĦAR se jwaqqgħuha! Yeeeeesss!

Naturalment minflokha se jibnu lukanda oħra - xi ħsibtu, ġejja xi riserva naturali jew?!! Kieku tajjeb!

Imma għall-inqas QALU li l-ġdida se tkun tkanġi ma' l-ambjent tal-madwar eċċ eċċ. Issa naraw x'jifhmu l-periti meta jgħidu "tkanġi ma' l-ambjent"! Diffiċli jibnu ġerħa iktar kerha minn dik li hemm bħalissa, imma ma tafx kif jivvintaw xi dinożawru ġdid!




Fis-sena 2001 il-websajt ta' BirdLife Malta kienet rebħet il-kategorija Għaqdiet Volontarji tad-DataStream Web Awards. Is-sena l-oħra (2002) ma rbaħniex, imma xorta spiċċajna mal-finalisti.

Klabb Ħuttaf jgħid prosit lil seħibna Denis Cachia li jieħu ħsieb il-websajt tagħna, u lil kull min jgħin biex din tkun websajt ħajja, aġġornata, interessanti u informattiva.

## Trid tkun Amerikan...

L-akbar bejta li qatt instabet kien bejta tal-*bald eagle*, ajkla Amerikana. Din il-bejta kienet wiesgħa 2.9m u fonda 6m. Stmaw li dil-mostrożità kienet tiżen iktar minn 3000kg (daqs 40 persuna) u kienet ilha tintuża iktar minn 30 sena.

# *Kompetizzjoni 54*

*Norman (Donald Duck) Chetcuti*



**Taħsbuhom l-istess, imma mhumiex. Minn dawn iż-żewġ stampi tridu ssibu 8 differenzi, imbagħad ħudu fotokopja tal-paġna (bid-differenzi mmarkati) u ibagħtuhielna fl-indirizz (paġ2), jew skenjawha u ibagħtuhielna jpeg bl-imejl (paġ2). Ċans għandkom sa 10 Marzu 2003. U tqasqsux il-magażin għax tirvinawh! Min jirbaħ jirċievi bil-posta l-kalendarju bomba tal-BirdLife.**

*Ir-rebbieħ ta' Kompetizzjoni 53 kien* ***Silvio Mizzi*** *minn Ħaż-Żabbar. Prosit Silvio, il-kalendarju diġà ntbagħatlek.*





# X'għandna mid-dinja?



tirrapporta **Elisabeth Conrad**

## 30,000 mejta



Mat-**30,000 fekruna** ta' l-ispeċi rarissma olive ridley *Lepidochelys olivacea* instabu mejtin f'Orissa, max-xatt ta' l-Indja. X'aktarx li mietu mhabblin fix-xbiek tat-trolers tas-sajd. Huwa stmat li iktar minn 100,000 fekruna olive ridley inqatlet f'dawn l-aħħar 10 snin. Ix-xtut ramlin fl-inħawi ta' Orissa huma fost l-aħħar postijiet fid-dinja fejn dil-fekruna għadha tbejjet.

# SOS Alaska!

Fl-Alaska (Stati Uniti) hemm riserva enormi jgħidulha l-**Arctic National Wildlife Refuge** (ANWR). Araw il-mappa ħalli tifhmu daqsxiex fiha.

F'dal-post jgħixu ħafna annimali kbar bħall-ors abjad, l-ors kannella, il-lupu, il-karibu (xi 136,000 annimal!), l-elk, il-buflu tas-silġ (musk ox) u l-volpi ta' l-Artiku. U ruxxmata għasafar, bħall-kokka bajda (bħal ta' Harry Potter!), l-ajkla rjali u diversi speċi ta' wiżż. Ġenna ta' l-art għan-natura.

Imma l-president Amerikan ma jimpurtahx nitfa min-natura. Mid-dehra moħħu biss biex iħaffer għaż-żejt, u jrid iħaffer anke f'dir-riserva tal-ġenn. X'jimpurtah li jisfratta ekoloġija sħiħa.

Jekk tgħaddi tiegħu, l-ANWR inkunu nistgħu nroddulu salib! X'ħasra għan-natura, x'telfa kbira għad-dinja, u x'mistħija għalina l-bnedmin.

Nittamaw li l-Amerikani għandhom iktar sens minn hekk, u ma jħallux il-flus jagħmuhom.



**Buflu tas-silġ (musk ox *Ovibos moschatus*)**






Merħla kbira ta' **renni** (reindeer) jew **karibu**, kif jgħidulhom l-Amerka, waqt il-passa li jagħmlu darbtejn fis-sena.



**Meta nkunu berdwoċing mhux biżżejjed li nippassiġġaw u nittrumbjaw lejn l-għasafar itiru jew jgħanni fis-siġar. Irridu wkoll niftħu widnejna għal dawk l-għasafar li diffiċli narawhom għax ikunu jħobbu jistaħbew. Dawn ikunu għasafar li jew narawhom għal ftit mumenti biss jew nisimgħu l-għajta tagħhom biss. Fost dawn insibu l-gallozz tax-xitwa.**

# il-gallozz tax-xitwa

*Mark Anthony Falzon*

Il-gallozz tax-xitwa huwa għasfur mill-isbaħ. Huwa ftit ikbar minn ħamiema imma għandu għonqu u saqajh twal. Daharu kannella ħamrani b'daqqiet suwed u minn taħt griż kaħlani. Lejn denbu jkun iswed bi strixxi bojod, u denbu minn taħt ikun abjad. Għajnejh ħomor, u jingħaraf minn glalez oħrajn minn munqaru, li hu twil u aħmar.

Imma sfortunatament dawn il-kuluri ma tantx ingawduhom għax il-gallozz tax-xitwa huwa espert biex jistaħba. Għandu ġismu dejjaq biex jimxi qalb il-qasab u l-istrixxi fuq ġismu jservu ta' kamuflax għax ikissru l-forma ta' l-għasfur biex predaturi (u berdwoċers!) ma jarawhx!

B'naqra paċenzja, però, jirnexxielna narawh. Il-gallozz tax-xitwa jgħajjat spiss; għandu diversi tipi ta' agħjat, fosthom waħda li qisha qażquż qed jixher! Bis-saħħa ta' dan l-agħjat għall-inqas nindunaw li fil-qrib hemm dan l-għasfur, anke jekk forsi ma narawhx! Kultant jixref xi ftit biex inaqqar xi dud jew insetti li jsib ma' xifer l-ilma, u ġieli jtir distanzi qosra, l-iktar jekk jinħasad. Meta jimxi spiss jippoppa denbu, li jispikka ħafna peress li abjad minn taħt. Nistgħu nitfixkluh ma' glalez oħrajn bħall-**gallozz iswed** (moorhen) u l-**gallozz tat-tikki** (spotted crake) imma dawn kollha munqarhom qasir, filwaqt li tal-gallozz tax-xitwa huwa twil.

**Il-gallozz tax-xitwa jgħix fi bwar bil-qasab u ħaxix folt li jikber maġenb xmajjar u għadajjar. Ir-riserva tas-Simar hija perfetta għal dan l-għasfur.**



ingliż **water rail**
xjentifiku ***Rallus aquaticus***

Fil-gżejjer Maltin il-gallozz tax-xitwa huwa pjuttost skars. X'aktarx ipassi bil-lejl u jħobb iżomm fil-widien folti bil-qasab. Minn mindu l-BirdLife ħolqot ir-riservi ta' l-Għadira u tas-Simar kull sena numru żgħir ta' glalez tax-xitwa (madwar 10, kultant iżjed) iqattgħu x-xitwa magħna. Il-gwardjani ta' dawn ir-riservi kuljum jiktbu fir-reġistru li jkunu "rawhom", għalkemm ħafna drabi ma jkunux proprjament rawhom b'għajnejhom imma semgħuhom biss!

**Imma kif dejjem ngħidu, fil-berdwoċing il-widna hija importanti kważi daqs l-għajn.**

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| J | F | M | A | M | Ġ | L | A | S | O | N | D |

Il-gallozz tax-xitwa jidher l-iktar bejn Ottubru u Marzu

# GALLERIJA



**tudun**
pauline borg 12



**kapinera**
andré camenzuli





**russett griż**
nicholas galea 5



**pellikan**
amanda cassar 10



**papra**
elaine farrugia 13



**kokka**
yoanna galea 8



**pappagall**
marlon borg 9



**bugeddum t'Għawdex**
alison gauci 13



**venewwa**
clifton grech 9

**Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom għall-magażin. Tinsewx isimkom, età u isem it-tpinġija. Tpinġux bil-kulur, l-aħjar li tużaw bajrow jew feltpen iswed.**



**narċis**
christian buttiġieġ 12



**fras-servjent**
david attard 11



**fjamingu**
christopher attard 12



**kamaleonti**
keith vassallo 12



**it-tpinġijiet tistgħu tibagħtuhomlna wkoll bl-imejl (jpeg jew gif)**



# il-QROLL

Timmaġinak tqatta' ħajtek fl-istess post? U żgur li le! Imma madwarna jeżistu ħafna ħlejjaq li ħajjithom jgħadduha appuntu hekk. Il-qroll huwa wieħed minnhom. Il-qroll huwa polipa tal-baħar li tgħix f'kolonji, jiġifieri gruppi kbar. Polipa hija annimal żgħir għamla ta' umbrella. Hemm polipi li jgħumu (bħall-bram) u polipi li joqogħdu f'post wieħed, bħall-qroll.

Il-kolonja tal-qroll tifforma l-aktar mill-qxur li l-polipi jħallu warajhom wara li jmutu. Maż-żmien il-kolonja tieħu għamla u lewn partikolari skond l-ispeċi. Hemm minnhom isiru qishom frieghi tas-siġar (ara l-istampa), oħrajn anke qishom moħħ ta' bniedem!

Fil-Mediterran insibu diversi speċi ta' qroll, għalkemm dawn ma jiffurmawx skollijiet kbar bħalma nsibu fir-reġjuni tropikali. Speċi li tgħix madwar Malta hija l-qroll aħmar.

Sfortunatament ħafna qroll jintuża biex isiru ġojjellerija u statwetti. Il-kolonji tal-qroll jieħdu snin twal biex jiffurmaw u meta jitħarbtu mhux lakemm jirkupraw. Fil-fatt, minħabba t-tniġġis, ġbir, il-*global warming* u flaġelli oħrajn li l-bniedem joħloq, il-qroll qed jonqos sew, tant li xi speċi waslu biex jinqerdu.

Kelma ta' l-aħħar. Li tkun favur l-ambjent ma jfissirx biss li tkun membru fi Klabb Ħuttaf. Tridu ġġibu ruħkom ta' ambjentalisti. Għalhekk qatt m'għandkom tixtru qroll, la biex iżżejnu l-akkwarjum, la biex iżżejnu d-dar u lanqas biex iżżejnu lilkom infuskom. Min jagħmel hekk ikun qed jgħin biex il-qroll ikompli jinqered.

**Jason Aloisio**

# *Kien itir b'erba' magni!*

F'Dapingfang, fil-grigal taċ-Ċina, sabu fossila interessanti ħafna ta' dinożawru li kellu r-rix. Tgħidulu: Iss, xejn ġdid għax l-*Archaeopteryx* ukoll kellu r-rix.

Veru, imma dan l-annimal li sabu l-fossila tiegħu, u li semmewh *Microraptor gui*, kellu mhux par imma ŻEWĠ pari ġwienaħ! Microraptor kien itir mhux biss b'dirgħajh imma anke b'saqajh!

Proprjament dawn id-dinożawri-għasafar ma kinux itiru fil-veru sens tal-kelma, imma iktar jigglajdjaw minn siġra għal oħra. Microraptor kien jgħix fil-Perjodu Kretaċju (135 miljun sena ilu!).



Innutaw il-marki tar-rix mas-saqajn tal-fossila.



Innutaw il-"ġwienaħ" mas-saqajn. Bis-saħħa ta' dar-rix l-annimal seta' jigglajdja aħjar.

Stampi minn Nature magazine



# Ħbieb Falkuni!

Xtaqt ngħid kelmtejn dwar il-kaċċa sadista u illegali li daż-żmien issir kważi kuljum eżatt quddiem il-belt kapitali. Kaċċaturi fuq lanċa bajda qed ikunu regolarment ftit 'il barra mill-port ta' Marsamxett, u sfaċċatament joqtlu għexieren ta' gawwi ta' kull speċi, fosthom speċi rari. Mela dawn qegħdin...

1) jikkaċċjaw f'distanza ta' inqas minn 3km mix-xatt - ILLEGALI!

2) jisparaw fuq u joqtlu l-gawwi - ILLEGALI!

U dan għal ġieħna quddiem il-Belt Valletta u Tas-Sliema, bil-jottijiet u l-vapuri tat-turisti deħlin u ħerġin u għaddejjin minn ħdejhom.

Aħna lill-pulizija għednielhom kemm-il darba, imma fix-xaharejn li ilhom isiru dal-pastażati il-pulizija QATT ma dehru ħerġin għalihom.

Ir-raġuni għalfejn mhux joħorġu l-pulizija mhux ser niddiskutiha hawnhekk għax mhix lok. Imma jien xorta nixtieq nara l-gawwi jtir ħieles. Nixtieq narah jinqata' minn wiċċ l-ilma qawwi u sħiħ. Tgħid xi darba dil-ħolma ssir realta?

Jien nemmem li IVA. U intom tistgħu tgħinu, billi tirrappurtaw kaċċa illegali lill-pulizija fuq **112** (ma tħallasx meta ċċempel dan in-numru, lanqas minn fuq mowbajl). Importanti li tkunu ċari meta ċċemplu, u tgħidu eżatt fejn, fuq xhiex qed jisparaw u l-ilbies ta' min qed jikser il-liġi.

Tgħiduli: Mhux għalxejn, la l-pulizija ma joħorġux għalihom? Le mhux għalxejn, irridu nibqgħu nħabbtu fuq il-bieb sakemm fl-aħħar tant indejjquhom bit-taħbit li jibdew jifthulna, u jifthulna malajr!

Inħalli f'idejkom...

Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur FALKO



*Joe Doublet*

# Tlaqna għall-borok!

Bħal ta' kull sena, għal dil-ħabta jkun hemm il-passa tal-borok. Fil-berdwoċing daqqa tiġik tajba u daqqa tiġik ħażina. Aħna sejrin nittantaw xortina darbtejn fuq xulxin. Sejrin iċ-Ċirkewwa, minn fejn inkunu nistgħu nammiraw il-borok, li jħobbu jieqfu jistrieħu fil-fliegu.



**Data**
Is-Sibt **15 Marzu 2003**
Il-Ħadd **16 Marzu 2003**
**Niltaqgħu**
**6.15am** il-Belt ħdejn tal-ħalib jew
**7.15am** iċ-Ċirkewwa ħdejn il-lukanda Paradise Bay
**Indumu** sa xi 10am
**Età** FALKO 13yr+



*Tpinġija Peter Scott*

## Mhux Għawdex, imma... l-Italja!

**Il-kamp ta' l-aħħar tas-sena f'Għawdex m'għamilniehx. imma floku għamilna wieħed fl-Italja! Irċivejna imejl urġenti mingħand sħabna tal-LIPU (il-BirdLife ta' l-Italja) li fiha stednuna nibagħtu malajr malajr tmien żgħażagħ minn BirdLife Malta biex ngħinuhom fix-xogħol f'foresta f'Salerno. Minħabba li l-istedina waslet tard, ma lħaqniex ħriġnieha fil-Ħuttafa, u għalhekk kellna malajr malajr bit-telefon ngħaqqdu grupp membri attivi tal-Falko, u morna! Aktar dwar kemm ħadna gost fil-ħarġa li jmiss...**



# tniġġis biż-żejt

Elisabeth Conrad

**Naħseb ilkoll smajtu bl-istorja tal-*Prestige* (H53), tanker taż-żejt li f'Novembru li għadda nqasam fit-tnejn u għereq qrib Spanja u li [illegible] ix-xtut mhux biss ta' Spanja imma issa wkoll ta' Franza, peress li ż-żejt għadu ħiereġ. S'issa diġà mietu iktar minn 15 000 għasfur, fosthom diversi speċi rari; biex ma nsemmux il-mijiet ta' sajjieda fir-reġjun li spiċċaw bla xogħol...**

## Riżors mifrux

Iż-żejt huwa riżors prezzjuż ħafna fid-dinja tal-lum. Jintuża għall-fjuwil u f'industriji tal-kimika, fost oħrajn. Imma bħal minerali oħra, iż-żejt jinstab biss f'xi nħawi tad-dinja, u għalhekk spiss jinġarr minn post għall-ieħor skond min jixtri u jbigħ. Iż-żejt l-ewwel jippumpjawh minn taħt l-art, imbagħad jirfinawh, iġorruh u jaħżnuh. U f'kull stadju minn dawn hemm periklu ta' tixrid u tniġġis.

## Tbati n-natura

L-effett fuq l-għasafar, per eżempju, huwa li jgħaqqdilhom ir-rix u jneħħilhom l-*insulation*, bir-riżultat li jmutu bil-bard. Barra minn hekk, l-għasafar jippruvaw jitnaddfu miż-żejt u fil-proċess jibilgħu sustanzi velenużi.

Iż-żejt jiksi wkoll ix-xtut u joħnoq il-ħajja kollha li tkun tgħix fir-ramel, mal-blat, fil-qiegħ jew fl-ilmijiet tal-madwar, fosthom foresti sħaħ ta' posidonja (alka) fejn jgħix u jbejjet ħafna ħut. Il-posidonja trid ilma nadif u ċar, inkella tmut.

## Tbati l-bnedmin

Tixrid taż-żejt fil-baħar jolqot ukoll lill-bnedmin li jgħixu fil-viċin. Postijiet li jiddependu mit-turiżmu (eż. Malta) jintlaqtu ħażin immens kieku jseħħ xi diżastru bħal tal-*Prestige* viċin xtutna. Attivatijiet bħal għawm, sajd u dajving kollha jkollhom jieqfu, u anke industriji li jużaw l-ilma baħar jintlaqtu ħażin, bħal per eżempju l-impjanti tar-*reverse osmosis* - mingħajr dawn Malta tmut bl-għatx! U mur ara kemm spejjeż biex isir it-tindif...

M'hemmx dubju li Malta mhijiex lesta għal traġedja bħal din - tanker wieħed jista' jirvinalna l-ambjent, l-ekonomija u l-għixien għal ħafna snin!

## Idum jinħass

L-impatti ta' diżastri bħal tal-*Prestige* idumu jinħassu għal żmien twil. Tletin sena wara li t-tanker *Torrey Canyon* għereq fejn il-gżejjer Scilly (UK, 1967), ix-xjenzati jgħidu li issa BISS beda jirkupra l-ambjent tal-baħar! Wara d-diżastru tal-*Braer* fix-Shetlands (1993), is-sajd fl-inħawi twaqqaf għal seba' snin sħaħ. F'Pembrokeshire, fejn għereq is-*Sea Empress* fl-1996, għadek s'issa tara ż-żejt jerħi mill-blat tax-xtut.

## X'irid isir?

Il-*Prestige* inbena fl-1976 u kien fost l-eqdem tankers taż-żejt li għadhom jaħdmu. Il-kumpaniji l-kbar taż-żejt qablu li m'għandhomx jużaw tankers eqdem minn 15 il-sena. Tankers qodma huma *single-hulled*, jiġifieri jkollhom qoxra metallika waħda. Liġijiet ta' l-UE issa jitolbu li sas-sena 2015, il-vapuri kollha jkunu *double-hulled*, jiġifieri jkollhom żewġ qoxriet metalliċi. Dan biex jekk tixxaqqaq il-qoxra ta' barra, iż-żejt (jew x'ikun) ma jixxerridx għax ikun magħluq f'qoxra oħra.

Hemm bżonn ukoll sistemi serji ta' spezzjonar li jiżguraw li kull tanker ikun f'kundizzjoni tajba.

Aħna, li ngħixu Malta, tajjeb li nkunu ppreparati sew għal xi diżastru taż-żejt li jista' jseħħ ħdejn pajjiżna. Irridu niftakru li Malta qiegħda fil-qalba ta' ħafna rotot ta' tbaħħir ta' tankers. Dan ipoġġina f'pożizzjoni perikoluża u vulnerabbli ħafna iktar minn inħawi oħrajn tad-dinja.





## Rajthom b'għajnejja!

**Għażiż Editur,**

**Is-sajf li għadda kelli x-xorti ħażina nara l-qtil ta' żewġ għasafar li niżlu fil-bajja tax-Xwejni f'Għawdex, fejn kont qiegħda vaganza. Ilħaqna ħadna anke biċċa film tagħhom ifittxu l-ikel qalb il-blat. Ftit wara waqaf kaċċatur, ħareġ mill-karozza, sparalhom avolja kien hemm in-nies, u telaq bihom. B'xorti ħażina konna lħaqna daħħalna l-kamera.**

**Darb'oħra smajt l-isparar ġej bil-lejl mir-riserva ta' l-Għadira waqt li kont rieqda f'dawk l-inħawi. 'L għada rajna tajra sewda ttir mir-riserva. Naħseb li xi kaċċatur kien irnexxielu jidħol fir-riserva biex jispara fuq l-għasafar.**

**Inħossni aħjar li qed ngħidlek b'dan kollu, forsi nqajmu ftit aktar kuxjenza fost in-nies.** *(Din l-ittra maqluba mill-Ingliż)*

**Michelle Drago**
**San Ġwann**

Għażiża Michelle,

Ħasra ma ġbidtulux biċċa film lil dak il-kawboj tax-Xwejni, għax konna nużawh żgur biex nuru lil publiku x'jafu jagħmlu dawn in-nies.

Dwar it-tieni storja, m'hijiex l-ewwel darba li daħlu kaċċaturi fir-riservi naturali u qatlu l-għasafar, għalkemm ma sibniex traċċi li s-sajf li għadda daħlulna l-Għadira. Dan ukoll juri li lanqas rispett lejn postijiet protetti m'għandhom xi killers. Iktar m'għandhom, iktar iridu. Tagħtihom saba' u jkunu jridu l-id, id-driegħ u l-ġisem kollu!

L-Editur

## Se nagħmel ħilti!

**Għażiż Editur,**

**Jiena membru ta' Klabb Ħuttaf u jien se nagħmel ħilti biex ngħin in-natura u l-għasafar. U jien nispera li kull membru fil-Klabb jagħmel bħali. Nispera li xi darba jkun hawn xi ħadd li jkollu l-kuraġġ li jwaqqaf il-kaċċa. Dejjem tiegħek,**

**Luca Cacciattolo**
**Ħad-Dingli**

Għażiż Luca,

Sewwa qed tgħid dwar il-kuraġġ. Il-kaċċa f'Malta għadha ssir bl-addoċċ għax l-awtoritajiet tal-pajjiż għadhom jibżgħu mill-kaċċaturi, u jħalluhom jagħmlu li jridu. Nispera li sa ma tikber inti l-affarijiet f'Malta jkunu nbidlu għall-aħjar.

Imma mhux biżżejjed li noqogħdu nisperaw biss. Il-BirdLife sadattant qed tagħmel minn kollox biex ixxerred rispett u mħabba lejn l-għasafar u l-annimali, speċjalment qalb it-tfal u studenti fl-iskejjel.

Għalhekk ħadt pjaċir naqra dwar ix-xewqa tiegħek li tistinka għan-natura u l-għasafar. Ibqa' hekk u taqtax qalbek, xi darba jirnexxielna!

L-Editur




SALE SALE SALE

**Il-Kalendarju 2003 tal-BirdLife issa roħos għal 75ċ. Ordnaw wieħed billi tibagħtu 75ċ+20ċ(posta)=95ċ (ċekk jew 14 bolla tas-7ċ mhux użati).**

*SITTSAQAJN* *Matthew Borg Cardona*

# id-debba tax-xitan



Id-**debba tax-xitan** (praying mantis) tagħmel parti mill-grupp (ordni) Dictyoptera, li jinkludi wkoll il-wirdien. F'Malta hawn erba' speċi ta' debba tax-xitan.

Id-debba tax-xitan tkun kannella jew ħadra, u hija predatur, jiġifieri tikkaċċja għall-ikel tagħha (mhux bħall-wirdien li jiekol tilqit eċċ). Biex taqbad il-priża, id-debba toqgħod tistenna f'post wieħed bla ma tiċċaqlaq sakemm xi insett ieħor jiġi viċin biżżejjed. Imbagħad tagħti s-salt u taħtfu b'saqajha ta' quddiem. Il-vittma ma tantx ikollha ċans taħrab għax dawn iż-żewġ saqajn huma b'saħħithom u għandhom xewk qisu sunnara. Id-debba kważi dejjem tibda tiekol l-insett meta jkun għadu ħaj, u tibda tieklu mill-għonq biex jieqaf jiċċaqlaq malajr! Għandha vista tajba ħafna, u hija l-uniku insett li jista' jdawwar rasu!

Il-mara tkun ikbar u eħxen mir-raġel. Hija drawwa ta' dan l-insett li l-mara toqtol u tiekol lir-raġel waqt li jkunu qed jitgħammru! Ħadd ma jaf jispjega din l-imġiba stramba, imma xi studjużi jgħidu li b'dal-mod il-mara żżid fiha l-proteini ħalli tipproduċi bajd u frieħ aktar b'saħħithom!!!



ootheca

Il-mara tbid il-bajd taħt il-ġebel. Il-bajd ikun magħluq ġo speċi ta' borża fowm li tissejjaħ *ootheca*. Il-bajd ifaqqas fir-rebbiegħa.

# mur aqbad ktieb!




kitba
**Barbara Holland**
**Hazel Lucas**
edizzjoni Lion Publishing 1990

Taf x'jagħmel lill-bniedem differenti minn annimal? Taf għaliex il-bilanċ tan-natura huwa importanti? Taf kif in-nies tad-dinja kapaċi jgħixu fi klimi daqshekk differenti? Taf għaliex id-dinja tagħna għandha bżonn is-siġar u l-pjanti? Taf x'tista' tagħmel int biex tipproteġi annimali li waslu biex jinqerdu għal kollox? Taf x'inhi l-Fairtrade? ...kif tnaqqas l-iskart? ...tħawwel siġra? Iftaħ il-paġni ta' dal-ktieb u ssib it-tweġiba għal dawn u għal ħafna aktar mistoqsijiet li jista' jkollok. Tara kif kull pjanta u kreatura hija importanti għall-pjaneta tagħna. Flimkien nistgħu nerġgħu nirranġaw il-bilanċ tan-natura.

*Janet Gerardi*

*Dal-ktieb tista' ssibu fil-Librerija Publika tal-Furjana*






tinsewx iżżuru l-websajt tagħna...
**www.birdlifemalta.org**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena**






Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______
Indirizz ______
postcode ______
Data tat-twelid ______ Telefon ______

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______
Indirizz ______
postcode ______
Membership number ______ Telefon ______

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**




Jekk se tordna bil-posta, tinsiex tinkludi l-indirizz tiegħek flimkien mal-bolli. Tibgħatx flus bil-posta.
Għal aktar tagħrif ċempel 21347646 Mon-Fri 9am-1pm.